32000D0673

L 280/52 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 4.11.2000

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## ta' l- 20 ta' Ottubru 2000

## li tistabbilixxi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l- importazzjoni ta' prodotti tas- sajd li joriġinaw min- Namibja

*(notifikata taħt id- dokument numru Ċ(1998) 3063)*

**(Test b' relevanza għaż-ŻEE)**

(2000/673/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id- Direttiva tal- Kunsill (KEE) Nru 91/493/KEE tat- 22 ta' Lulju 1991 li tniżżel il- kondizzjonijiet tas- saħħa għall- produzzjoni u għat- tpoġġija fuq is- suq ta' prodotti tas- sajd ([1]), kif emendata l-aħħar mid- Direttiva tal-Kunsill 97/79/KE ([2]), u b'mod partikolari l- l-Artikolu 11 ta' din,

Billi:

(1) billi espert tal- Kummissjoni mexxa żjara ta' spezzjoni fin- Namibja sabiex jivverifika l- kundizzjonijiet li taħthom isiru, jinħażnu u jintbagħtu prodotti tas- sajd lejn il- Komunità;

(2) billi d- dispożizzjonijiet tal- leġislazzjoni tan- Namibja dwar spezzjoni ta' saħħa u sorveljanza ta' prodotti tas-sajd jistgħu jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk li jinsabu fid- Direttiva 91/493/KEE;

(3) Fin- Namibja l- Ministeru tal- Kummerċ u ta' l- Industrija (MKI) huwa kapaċi jivverifika b' mod effettiv l-applikazzjoni tal- liġijiet fis- seħħ.

(4) Bi ftehim bejn ir- Repubblika tan- Namibja u l- Bureau ta' Standards ta' l- Afrika t' Isfel (BSAI), il- BSAI huwa appuntat bħala organu tekniku u l- MKI għaddiet lill-BSAI ir- responsabiltà għall- ispezzjoni u sorveljanza ta' l- istabiliment u l- bastiment u l- ħruġ taċ- ċertifikati tas-saħħa.

(5) Il- proċedura sabiex jinkiseb iċ- ċertifikat ta' saħħa msemmi fl- l-Artikolu 11(4)(a) tad- Direttiva 91/493/KEE trid tkopri wkoll id- definizzjoni ta' ċertifikat mudell, ir- rekwiżiti minimi li jirrigwardaw il-lingwa(i) li biha(hom) irid jiġi abbozzat u l- grad tal-persuna li għandha s- setgħa li tiffirmah.

(6) Skond l- l-Artikolu 11(4)(b) tad- Direttiva 91/493/KEE, għandha titwaħħal marka mal- pakketti tal- prodotti tas-sajd li tagħti l- isem tal- pajjiż terz u n- numru ta' approvazzjoni/reġistrazzjoni ta' l- istabiliment, il- bastiment fabbrika, il- maħżen kiesaħ jew il- bastiment friża ta' oriġini;

(7) Skond l- l-Artikolu 11(4)(ċ) tad- Direttiva 91/493/KEE għandha ssir lista ta stabilimenti, bastimenti fabbriki u mħażen kiesħa approvati, u trid issir ukoll lista ta' bastimenti bil- friża armati skond il- punti 1 sa 7 ta' l- l-Anness II tad- Direttiva approvati, 92/48/EEC ([3]). Dawn il- listi għandhom isiru fuq il- bażi ta' komunikattiva mill- MKI lill- Kummissjoni. Huwa għalhekk il- kompitu ta' l- MKI li tagħmel ċert li jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati għal dawk il- finijiet fl- l-Artikolu 11(4) tad- Direttiva 91/493/KEE.

(8) L- MKI provdiet assigurazzjonijeit uffiċjali li jirrigwardaw konformità mar- regoli stipulati fil- Kapitolu V ta' l- l-Anness tad- Direttiva 91/493/KEE u li jirrigwardaw is-sodisfazzjon tar- rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stipulati minn dik id- Direttiva.

(9) Il- miżuri provduti f' din id- deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal- Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

1. Il- Ministeru ta' Kummerċ u Industrija (MKI) għandha tkun l- awtorità kompetenti li tivverifika u tiċċertifika l-konformità ta' prodotti tas- sajd u ta' l- akwakultura mar-rekwiżiti tad- Direttiva 91/493/KEE.

2. Il- Bureau ta' Standards ta' l- Afrika t' Isfel (BSAI) għandu jkun l- organu tekniku, mogħti s- setgħa mill- MKI, għall-ispezzjoni u ċertifikazzjoni tal- konformità ta' prodotti tas- sajd u ta' l- akwakultura mar- rekwiżiti tad- Direttiva 91/493/KE.

### *Artikolu 2*

Prodotti tas- sajd u ta' l- akwakultura li joriġinaw min Namibja jridu jissodisfaw il- kundizzjonijiet li ġejjin:

1. kull kunsinna trid tkun akkumpanjata b' ċertifikat tas- saħħa oriġinali u numerat, mimli, iffirmat u datat kif suppost u li jkun jikkonsisti f' folja waħda skond il- mudell li jinsab fl- l-Anness A hawn isfel;
2. il- prodotti jridu jiġu minn stabilimenti, bastimenti fabbrika, mħażen kiesħa jew bastimenti friża approvati u elenkati fl-l-Anness B hawn isfel;

([1]) ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.
([2]) ĠU L 24, tat-30.8.1993, p. 31.
([3]) ĠU L 187, tas-26.6.1999, p. 41.

3. ħlief fil- kas ta' prodotti tas- sajd friżati li jiġu bil- balk u li huma intenzjonati għall- manufattura ta' ikel preservat, il- pakketti kollha jrid ikollhom il- kelma 'NAMIBJA' miktuba fuqhom kif ukoll in- numru ta' approvazzjoni/reġistrazzjoni ta' l- istabiliment, tal- bastiment fabbrika, tal- maħżen kiesaħ jew tal- bastiment friża b' ittri li ma jistgħux jitħassru.

*Artikolu 3*

1. Iċ- ċertifikati msemmija fl- l-Artikolu 2(1) iridu jinkitbu f' ta' mill- inqas lingwa uffiċjali waħda ta' l- Istat Membru fejn isiru l- kontrolli.

2. Iċ- ċertifikati iridu juru l- isem, il- kariga u l- firma tar-rappresentant tal- BSAI kif ukoll it- timbru uffiċjali ta' din ta' l-aħħar b' kulur differenti minn dak ta' firem jew timbri oħrajn.

*Artikolu 4*

Din id- Direttiva għandha tidħol fis-seħħ 60 jum wara li tiġi pubblikata fil- Ġurnal Uffiċjali tal- Komunitajiet Ewropej.

*Artikolu 5*

Din id- deċiżjoni hija indirizzata lill- Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Ottubru 2000.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

*L-ANNESS A*

## ĊERTIFIKAT TA' SAĦĦA

**Għal prodotti tas- sajd u ta' l- akwakultura li joriġinaw min- Namibja u li huma intenzjonati għall- esportazzjoni lejn il- Komunità Ewropea, esklużi molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi marittimi f' kull forma**

Numru ta' referenza: .......................................

Pajjiż minn fejn jintbagħtu: **IN-NAMIBJA**

Awtorità kompetenti: Ministeru tal- Kummerċ u l- Industrija (MKI)

Awtorità ta' Spezzjoni u ċertifikazzjoni: Bureau ta' Standards ta' l- Afrika t' Isfel (BSAI)

I. **Dettalji li jidentifikaw il- prodotti tas- sajd**

— Deskrizzjoni tal- prodotti tas- sajd/akwakultura (1):

— Speċi (isem xjentifiku): ..........................................

— Presentazzjoni tal- prodott u t- tip ta' trattament (2): ..........................................

— Numru tal- kodiċi (fejn disponibbli): ..........................................

— Tip ta' ippakkjar: ..........................................

— Numru ta' pakketti: ..........................................

— Piż nett: ..........................................

— Temperatura meħtieġa għall- ħżin u għat- trasport: ..........................................

II. **Oriġini of Prodotti**

Isem (ismijiet) u n- numru(i) uffiċjali ta' approvazzjoni ta' l- isabbiliment(i), il- bastiment(i) fabbrika jew il- maħżen(imħażen) kiesħa approvati reġistrati mill- MKI għall- esportazzjoni lejn il- KE: ..........................................

..........................................

..........................................

III. **Destinazzjoni tal- prodotti**

Il- prodotti jintbagħtu minn: ..........................................
(post minn fen jintbagħtu)

lejn: ..........................................
(pajjiż u post ta' destinazzjoni)

permezz tal- mezzi ta' trasport li ġejjin: ..........................................

Isem u indirizz ta' konsenjant: ..........................................

..........................................

Isem tal- kunsinnatarju u l- indirizz fil- post ta' destinazzjoni: ..........................................

..........................................

(1) Ħassar fejn applikabbli.
(2) Ħaj, mkessaħ, friżat, immellaħ, iffumigat, priservat. eċċ.

IV. **Attestat ta' saħħa**

— L- ispettur uffiċjali jiċċertifika li l- prodotti tas- sajd jew ta' l- akwakultura speċifikati hawn fuq:

1. inqabdu, u inġarru abbord bastimenti skond ir- regoli tas- saħħa stipulati mid- Direttiva 92/48/KEE;
2. tniżżlu fuq l-art, inġarru u fejn xieraq ġew ippakkjati, preparati, proċessati, iffriżati, tħallew jinħallu u ġew maħżuna b' mod iġjeniku skond ir- rekwiżiti stipulati fil- Kapitoli II, III u IV ta' l- l-Anness tad- Direttiva 91/493/KEE;
3. għaddew minn kontrolli ta' saħħa skond il- Kapitolu V ta' l-Anness tad- Direttiva 91/493/KEE;
4. huma ippakkjati, immarkati, maħżuna u trasportati skond il- Kapitoli VI, VII u VIII ta' l- l-Anness tad- Direttiva 91/493/KEE;
5. ma jiġux minn speċi tossiċi jew minn speċi li fihom il- biotossiċi;
6. għaddew b' mod sodisfaċenti minn kontrolli organolettiċi, parasitoloġiċi, kimiċi u mikrobioloġiċi stipulati għal ċerti kategoriji ta' pordotti tas- sajd mid- Direttiva 91/493/KEE u fid- deċiżjonijiet implimentattivi tagħha.

— L-ispettur uffiċjali sottoskritt jiddikjara li huwa konsapevoli mid- dispożizzjonijiet tad- Direttiva 91/493/KEE, id-Direttiva 92/48/KEE u d- Deċiżjoni 2000/673/KE.

Magħmul ............................................................., fil- .............................................................

(post) (data)

Timbru uffiċjali tal-BSAI ([3])

.............................................................

Firma ta' l- ispettur uffiċjali ([3])

.............................................................

(Isem f' ittri kapitali, kwalifiċi u titolu tal- persuna li qiegħda tiffirma)

---

([3]) Il- kulur tat- timbru u tal- firma irid ikun differenti minn dak tad- dettalji l-oħrajn fiċ-ċertifikat.

*L-ANNESS B*

**LISTA TA' STABILIMENTI U BASTIMENTI APPROVATI**

| Nru ta' Approvazzjoni | Isem | Belt Reġjun | Kategorija |
|---|---|---|---|
| 02 | Pomona Fishing (Pty) Ltd | Luderitz | PP |
| 0D | Lalandii (Pty) Ltd (Prodotti tal- Ħut) | Luderitz | PP |
| 0W | Veritable (Novanam Limited) | Luderitz | ZV |
| 0Y | Spencer Bay (Industriji tal- Frott tal- Baħar tan-Namibja) | Luderitz | ZV |
| 0Z | Letitia (prodotti tal- Baħarta' Benguella) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 1B | Supapackers CC | Bajja ta' Walvis | PP |
| 1C | Imħażen Kiesħa tal- Bajja ta' Walvis | Bajja ta' Walvis | PP |
| 1D | Etale Fishing Company (Pty) Ltd | Bajja ta' Walvis | PP |
| 1F | Atlantic Seafood Processors (Pty) Ltd | Bajja ta' Walvis | PP |
| 1R | Lorraine (prodotti tal- Baħar ta' Benguella) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 1U | Rosendo Da Vila (Sajd ta' Kadilu) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 1V | Ribadavja (Sajd permezz ta' Trawlers fuq il-Kosta ta' l- Iskanetri) | Luderitz | FV |
| 1W | Arthur M (Kumpannija tas- Sajd Kato) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 1X | Bordeaux II (Prodotti Marittimi tan- Namibja) | Bajja ta' Walvis | ZV |
| 1Z | Adagio (Freddie Fish Processors) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 2D | Hangana Seafood (Pty) Ltd (tinnegozja bħala Prodotti tal- Ħut Kuiseb) | Bajja ta' Walvis | PP |
| 2E | Seaflower (tinnegozja bħala Seaflower Whitefish Corpora-tion u Seaflower Lobster Corporation) | Luderitz | PP |
| 2T | Toralla (Sajd ta' Oryx) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 2U | Vieirasa Tres (Sajd ta' Kadilu) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 2V | Ribadejo (Sajd permezz ta' Trawlers fuq il-Kosta ta' l- Iskanetri) | Luderitz | FV |
| 2W | Sylvie (Intrapriża Konġunta tas- Sajd) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 2Y | Intersea 21 (Sajd fil- Bajja ta' Agata) | Bajja ta' Walvis | ZV |
| 2Z | Adagio (Freddie Fish Processors) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 3T | Blue Sea I (Kumpannija tas- Sajd Blue Sea) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 3U | Katima (Sajd ta' Karibib) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 3V | Southern Fisher (Cato Fishing (Pty) Ltd) | Bajja ta' Walvis | ZV |
| 3W | South West Eagle (Gendev ta' Namibia Ltd) | Bajja ta' Walvis | ZV |
| 3X | Christine (Korporazzjoni ta' l- Awwista Sea Flower) | Luderitz | ZV |

| Nru ta' Approvazzjoni | Isem | Belt Reġjun | Kategorija |
|---|---|---|---|
| 3Y | Intersea 22 (Sajd fil- Bajja ta' Agata) | Bajja ta' Walvis | ZV |
| 3Z | Hesko (Kummerċ Afrikan Amerikan) | Bajja ta' Walvis | ZV |
| 4D | Karibib Fisheries Ltd | Bajja ta' Walvis | PP |
| 4E | Benguella Sea Products (Pty) Ltd | Bajja ta' Walvis | PP |
| 4R | B.R. Banks (prodotti tal- Baħarta' Benguella) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 4S | Frans Aupa Indongo (Kumpannija tas- Sajd Kato) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 4T | Maris Stella (Konsortjum Sajd ta' Evisa) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 4U | Oxakati (Sajd ta' Karibib) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 4V | Adagio (Freddie Fish Processors) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 4W | Fragana (Sajd ta' Fragana) | Luderitz | FV |
| 4X | Eleonore (Prodotti Marittimi tan- Namibja) | Bajja ta' Walvis | ZV |
| 4Y | Friendship (Aġenzija ta' Kalunga CC) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 4Z | Hope (Aġenzija ta' Kalunga CC) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 5D | Gendev ta' Namibja Ltd | Bajja ta' Walvis | PP |
| 5E | Proċessuri ta' Ħut tal- Bajja ta' Luderitz | Luderitz | PP |
| 5R | Puerto de la Luz (prodotti tal- Baħar ta' Benguella) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 5S | Boston Jaguar (Kumpannija tas- Sajd Kato) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 5T | Gamsberg II (Freddie Fish Processors) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 5U | Brandaris (Smokeries Fishing (Pty) Ltd) | Luderitz | ZV |
| 5V | Oupa Frank (Freddie Fish Processors) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 5W | Conbaroya A Cuarto (Grupp Oja tan- Namibja) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 5X | Whitby (Sajd ta' Gendor (Proċessuri ta' l- Oċean Fond)) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 5Y | Emanguluko (Sajd ta' Glomar) | Bajja ta' Walvis | ZV |
| 5Z | Vezilifa (Boulonneis tat- Tramuntana) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 6D | Hangana Seafood (Pty) Ltd (tinnegozja bħala Foodcon) | Bajja ta' Walvis | PP |
| 6E | Novanam Limited (tinnegozja wkoll bħala Skeleton Coast Trawling u Pescanova) | Luderitz | PP |
| 6R | Benguella King (Prodotti tal- Baħar Benguella) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 6U | Lucas (Mark 21) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 6V | Seaflower (Korporazzjoni ta' Ħut Abjad Seaflower) | Luderitz | FV |
| 6Y | Aldubaran (Frott tal- Baħar Hangana) | Bajja ta' Walvis | ZV |
| 6Z | Sunfish (Intrapriżi tas- Sajd Namsov) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 7D | Freddie Fish Processors (Pty) Ltd | Bajja ta' Walvis | PP |

| Nru ta' Approvazzjoni | Isem | Belt Reġjun | Kategorija |
|---|---|---|---|
| 7E | Marco Fishing (Pty) Ltd | Luderitz | PP |
| 7R | Benguella Triumph (Prodotti tal- Baħar Benguella) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 7S | Esra Cruz (Kosta Nam) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 7V | Helgoland (Sajd f' Helgoland) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 7Z | Sumner I (Epata Fishing (Pty) Ltd) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 8D | Corvima Investments (Pty) Ltd | Bajja ta' Walvis | PP |
| 8E | Deep Ocean Processors (Pty) Ltd (tinnegozja wkoll bhala Gendor Fishing) | Bajja ta' Walvis | PP |
| 8R | Echalar (Kumpanija tas- Sajd minn Overberg) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 8S | Oupa Jan (Freddie Fish Processors) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 8U | Atlantic Fisherman (Sajd ġewwa Belinda) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 8V | Mar del Cabo (Oya Namibia) | Luderitz | FV |
| 8W | Dolphin Bay (Industriji tal- Frott tal- Baħar tan-Namibja) | Luderitz | ZV |
| 8X | Conbaroya Tercero (Paresis Trawling) | Luderitz | FV |
| 8Z | Rolmar (Epata Fishing (Pty) Ltd) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 9D | Cadilu Fishing (Pty) Ltd | Bajja ta' Walvis | PP |
| 9E | Coastal Marine Industries (Pty) Ltd | Luderitz | PP |
| 9R | Campa del Infanzon (Kumpanija tas- Sajd minn Overberg) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 9S | Aquilla (Korporazzjoni Marittima tan- Namibja) | Luderitz | ZV |
| 9T | Overberg (Kumpanija tas- Sajd minn Overberg) | Bajja ta' Walvis | FV |
| 9V | Puente de San Telmo (Sajd Hispano-Ceibe) | Luderitz | FV |
| 9Y | Hurinus (Prodotti tal- Baħar Atlantiċi) | Bajja ta' Walvis | ZV |
| 9Z | Chang Xing (Investimenti ta' Seikonawa) | Bajja ta' Walvis | FV |
| E | Etosha Fisheries Holding Co. (Pty) Ltd | Bajja ta' Walvis | PP |
| R3 | Southern Fisher (Cato Fishing (Pty) Ltd) | Bajja ta' Walvis | ZV |
| T | Namib Fisheries Limited | Bajja ta' Walvis | PP |
| U | United Fishing Enterprises (Pty) Ltd | Bajja ta' Walvis | PP |

PP: Impjant ta' l- iproċessar

FV: Bastiment Fabbrika

ZV: Bastiment friża.